**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 391/20**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Paolo Antonio Montruccoli**

**Illum 8 ta' Ġunju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Paolo Antonio Montruccoli ta' ħamsin (50) sena, iben Georgio u Anna neè Piciotti, imwieled l-Italja nhar l-24 ta' Settembru 1969, residenti "Eva" 46, Flat 3, Triq Spinola, San Ġiljan, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 221187(A), talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u cioè nhar it-12 ta' Ġunju 2020, nhar l-20 ta' Lulju 2020, nhar l-10 ta' Awwissu 2020 u nhar il-11 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 22:41hrs, 19:20hrs, 13:15hrs u 20:00hrs rispettivament u ħinijiet ta' qabel, ġewwa 89, Pimlico, Triq ir-Ratal, Swieqi u/jew Eva, Flat 3, Triq Spinola, San Ġiljan, u f'dawn il-Gżejjer:

1. Volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq il-mera tal-vettura Daihatsu Terios bin-numru ta' reġistrazzjoni TOM-426 proprjetà ta' Michelle Grech, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u dan ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. L-imġieba tiegħu ammontat għal segwiment ta' Michelle Grech, li hija l-ex sieħba tiegħu, bil-moħbi u/jew ikkaġunalha biża f'għall-inqas żewġ okkażżjonijiet li ser tintuża vjolenza fuqha u/jew kkaġuna fuqha allarm jew dwejjaq li kellu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' Michelle Grech u dan ai termini ta' l-Artikolu 251BA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Ta fastidju lil Michelle Grech b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna u dan ai termini ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Għamel lil Michelle Grech inġurji jew theddid, jew jekk kien provokat, ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan ai termini ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Michelle Grech billi jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex, flimkien mal-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni, il-Qorti toħroġ Orni ta' Trattament li jkun meħtieġ fil-konfront ta' Paolo Antonio Montruccoli u dan ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020 markati Dok. "A" sa' Dok. "I" a fol. 9 sa' 29 tal-proċess;

Rat id-Digriet għall-hruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Michelle Grech datat 13 ta' Awwissu 2020[2];

Semgħet ix-xhieda ta' Michelle Grech mogħtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Awwissu 2020[3] u tas-17 ta' Settembru 2020[4], semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Colin Sheldon mogħtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Awwissu 2020[5] u ta' l-1 ta' Ottubru 2020[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CS1" a fol. 49 tal-proċess u Dok. "CS2" a fol. 87 sa' 90 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer[7], tar-Risk Assessors Francesca Cassar[8] u Roberta Formosa[9], ta' l-Ispettur Joseph Xerri[10] mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Settembru 2020 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Joseph Xerri markati Dok. "JS1" u Dok. "JS2" a fol. 59 sa' 76 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS345 Mark Cremona[11], PS1320 Shaun Axiaq[12] u ta' PC485 Matthew Borg[13] mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ottubru 2020, semgħet ix-xhieda ta' PS803 Andrew Pullicino[14], PC1497 Julian Calleja[15], WPC376 Yana Buttigieg[16] mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020, u semgħet ix-xhieda ta' PS790 Nathan Zerafa[17] u PC901 Christopher Attard[18] mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2021;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni a fol. 137 sa' 142 tal-proċess u rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet ta' l-imputat a fol.144 sa' 151 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u

[1] Fol. 8 tal-proċess.
[2] Fol. 31 tal-proċess.
[3] Fol. 39 sa' 46 tal-proċess
[4] Fol. 82 tal-proċess.
[5] Fol. 47 u 48 tal-proċess.
[6] Fol. 85 u 86 tal-proċess.
[7] Fol. 51 u 52 tal-proċess.
[8] Fol. 53 sa' 55 tal-proċess.
[9] Fol. 77 sa' 81 tal-proċess.
[10] Fol. 56 sa' 58 tal-proċess.
[11] Fol. 91 sa' 95 tal-proċess.
[12] Fol. 96 u 97 tal-proċess.
[13] Fol. 98 sa' 101 tal-proċess.
[14] Fol. 113 sa' 116 tal-proċess.
[15] Fol. 117 sa' 121 tal-proċess.
[16] Fol. 122 sa' 124 tal-proċess.
[17] Fol. 128 sa' 130 tal-proċess.
[18] Fol. 131 sa' 134 tal-proċess.

cioè nhar it-12 ta' Ġunju 2020, nhar l-20 ta' Lulju 2020, nhar l-10 ta' Awwissu 2020 u nhar il-11 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 22:41hrs, 19:20hrs, 13:15hrs u 20:00hrs rispettivament u ħinijiet ta' qabel, ġewwa 89, Pimlico, Triq ir-Ratal, Swieqi u/jew Eva, Flat 3, Triq Spinola, San Ġiljan, u f'dawn il-Gżejjer: (1) volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq il-mera tal-vettura Daihatsu Terios bin-numru ta' reġistrazzjoni TOM-426 proprjetà ta' Michelle Grech, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u dan ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) l-imġieba tiegħu ammontat għal segwiment ta' Michelle Grech, li hija l-ex sieħba tiegħu, bil-moħbi u/jew ikkaġunalha biża f'għall-inqas żewġ okkażżjonijiet li ser tintuża vjolenza fuqha u/jew kkaġuna fuqha allarm jew dwejjaq li kellu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' Michelle Grech u dan ai termini ta' l-Artikolu 251BA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) ta fastidju lil Michelle Grech b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna u dan ai termini ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) għamel lil Michelle Grech inġurji jew theddid, jew jekk kien provokat, ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan ai termini ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**L-ewwel imputazzjoni:**

L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija li volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq il-mera tal-vettura Daihatsu Terios bin-Numru ta' Reġistrazzjoni TOM-426, proprjetà ta' Michelle Grech, liema ħsara ma tiskorrix €2,500 iżda hija iżjed minn €250, u dan ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-imputazzjoni hija relatata ma' rapport li għamlet Michelle Grech mal-Pulizija nhar il-11 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 12:00hrs. Mill-okkorrenza tal-Pulizija esebita bħala Dok. "F" a fol. 17 u 18 tal-proċess jirriżulta li *today the 11/08/2020 at around 12:00hrs complainant* [ossia Michelle Grech] *reported at this end were she stated that this morning upon returning to her parked vehicle in Swieqi Road, Swieqi, she found the right driver's side mirror damaged and attached to her windshield a note written in the Italian language which when translated contained something in simple words that he missed her, he cannot forget her and he regrets that they are not together anymore and also that he is happy for her that she found someone else.* PS790 Nathan Zerafa, illi kien l-Uffiċjal li daħħal ir-rapport imsemmi żied illi *a CCTV request was handed over to a certain Raphael Soler ID: 285591M at no.52, Swieqi Road, Swieqi, regarding the damaged right hand side mirror. Person related* [ossia l-imputat] *was spoken and warned as to not contact or harass in any way the complainant and was also given an appointment at Sliema Police taken with Inspector C. Sheldon tomorrow the 12/08/2020 at 8:00hrs* - fatt dan ikkonfermat mill-istess Spettur Sheldon fix-xhieda li ta fl-24 ta' Awwissu 2020[19]. Dan ir-rapport partikolari ġie kkonfermat minn PS790 Nathan Zerafa fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2021[20].

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni Michelle Grech[21] xehdet illi *jiena sibt il-mera tan-naħa tax-xufier fuq il-wire. Peress li hija electric window kienet qiegħda imdendla fuq il-wire. Kienet maqlugħa jiġifieri minn postha u sibtha mdendla mal-body tal-karozza.* In kontro-ezami l-imsemmija Michelle Grech, għall-mistoqsija *rigward il-mera tal-karozza li inti sibt imkissra. Inti rajt lil xi ħadd imissielek il-karozza jew rajt lil xi ħadd viċin il-karozza?*

[19] Fol. 47 u 48 tal-proċess.
[20] Fol. 128 sa' 130 tal-proċess.
[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Awwissu 2020, fol. 39 sa' 46 tal-proċess.

wieġbet *le* u għall-mistoqsija ulterjuri *jiġifieri inti ma tistax tikkonferma li kien l-imputat hux hekk?* wieġbet *jiena ma kkonfermajtx li kien hu. Jiena fir-rapport tiegħi għidt illi sibt il-mera mkissra u nota tiegħu fuq il-windscreen. Huma staqsewni jekk kienx hu li għamilli hekk imma jiena għedtilhom li ma nistax ngħid. Kien hemm dar li għandha l-cameras u għidtilhom qabel ma tgħiduli li kien hu, jiena ma nistax nakkużah li hu għamel hekk.* F'kontro-eżami ulterjuri li sarilha fis-17 ta' Settembru 2020[22], Michelle Grech ikkonfermat li ftit qabel il-11 ta' Awwissu 2020 hija kellha inċident bil-vettura tagħha u li ta' dan l-inċident kienet għamlet rapport mal-Pulizija.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Colin Sheldon mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ottubru 2020[23], jirriżulta li fil-fatt fit-3 ta' Lulju 2020 Michelle Grech kienet għamlet rapport mal-Pulizija fir-rigward ta' inċident stradali li kellha dakinhar. L-okkorrenza relattiva għal dan ir-rapport ġiet esebita bħala Dok. "CS2" a fol. 87 sa' 90 tal-proċess u minnha jirriżulta li *today a certain Grech Michelle - ID card: 0401367M and Lombardo Leonard - ID card: 0516061M reported both at St. Julian's police station re a small accident that happened in front of Park Towers Supermarket, St. Julians. Leonard stated that he was driving up the road towards Regional Road tunnels when suddenly both vehicles CBU-926 and TOM-426 where driving opposite directions when they hit each other's driver side mirrors. Michelle stated that she was stationery in traffic direction to Spinola Bay when she saw the driver side mirror break off. …* Bħala fatt mill-okkorrenza jirriżulta li l-mera tal-vettura ta' Michelle Grech li ġratilha l-ħsara f'dan l-inċident kienet *driver side mirror broken*.

Jirriżulta għalhekk li l-mera tal-vettura ta' l-għamla Daihatsu Terios bin-Numru ta' Reġistrazzjoni TOM-426 li Michelle Grech dakinhar tal-11 ta' Awwissu 2020 irrappurtat l-Għassa ta' San Ġiljan li sabitha mkissra, bħala fatt kienet ilha hekk imkissra sa' minn diversi ġimgħat qabel. Dan il-fatt ġie ammess mill-istess Prosekuzzjoni li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[24] iddikjarat li *l-ewwel imputazzjoni u cioè dik adebitat lill-imputat li għamel ħsara fuq il-mera tal-vettura Daihatsu Terios bin-numru ta' reġistrazzjoni TOM-426 proprjetà ta' Michelle Grech, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250)* ***ma ġietx ippruvata, anzi l-Pulizija skopriet li tali ħsara kienet saret qabel id-data indikata mill-vittma[25].***

Fid-dawl ta' dak kollu li rriżulta mill-provi fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat **u** fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li din l-imputazzjoni ma ġietx minnha debitament ippruvata, il-Qorti tqis li l-imputat ma għandux jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk għandu jiġi liberat mill-tali imputazzjoni.

**It-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni:**

It-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u cioè nhar it-12 ta' Ġunju 2020, nhar l-20 ta' Lulju 2020, nhar l-10 ta' Awwissu 2020 u nhar il-11 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 22:41hrs, 19:20hrs, 13:15hrs u 20:00hrs rispettivament u ħinijiet ta' qabel, ġewwa 89, Pimlico, Triq ir-Ratal, Swieqi u/jew Eva, Flat 3, Triq Spinola, San Ġiljan u f'dawn il-Gżejjer: l-imġieba tiegħu ammontat għal segwiment ta' Michelle Grech, li hija l-ex sieħba tiegħu, bil-moħbi u/jew ikkaġunalha biża f'għall-inqas żewġ okkażżjonijiet li ser tintuża vjolenza fuqha u/jew kkaġuna fuqha allarm jew dwejjaq li kellu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet

[22] Fol. 82 tal-proċess.
[23] Fol. 85 u 86 tal-proċess.
[24] Fol. 137 sa' 142 tal-proċess.
[25] Enfasi tal-Qorti.

normali ta' kuljum ta' Michelle Grech u dan ai termini ta' l-Artikolu 251BA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; ta fastidju lil Michelle Grech b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna u dan ai termini ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; għamel lil Michelle Grech inġurji jew theddid, jew jekk kien provokat, ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan ai termini ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet tar-reat previst fl-Artikolu 251BA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi osservat li s-segwiment bil-moħbi huwa forma aggravata u ripetuta ta' fastidju, li, għall-finijiet u effetti ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, irid ikun tali li jinvolvi biża' li titwettaq vjolenza f'għall-inqas żewġ okkażjonijiet **jew** allarm jew dwejjaq lil ħaddieħor li jkollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum tal-vittma.

Fil-każ ta' vjolenza ma huwiex neċessarju li l-vjolenza tkun effettivament seħħet jew qed isseħħ, li hu importanti u materjali għall-finijiet ta' dan ir-reat huwa li tkun ikkreata l-biża f'moħħ il-vittma li ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħha/tiegħu.

Għall-finijiet ta' allarm serju jew dwejjaq li jkollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum tal-vittma, il-Qorti tosserva li l-frażi "effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum tal-vittma" ma hijiex definita fil-Liġi u allura jekk tali element effettivament jissussistix o meno hija materja li trid tiġi deċiża mill-Qorti. Għal tali fini, qed issir referenza għall-linji gwida legali pubblikati mill-United Kingdom Crown Prosecution Service[26], ċitati wkoll mill-Sentencing Council for England and Wales, li jissuġġerixxu li *evidence of a substantial adverse effect may include the following: (a) the victim changing their routes to work, work patterns, or employment; (b) the victim arranging for friends or family to pick up children from school (to avoid contact with the stalker); (c) the victim putting in place additional security measures in their home; (d) the victim moving home; (e) physical or mental ill-health; (f) the deterioration in the victim's performance at work due to stress; (g) the victim stopping/or changing the way they socialise. Prosecutors should note that the above list is not exhaustive and that there may be some victims who will try to continue their lives as usual in defiance of a stalker. So the absence of factors such as those listed above does not necessarily mean that stalking is not taking place.*

Il-parametru li jrid jintuża għall-fini li jiġi determinat jekk jissussistix dan ir-reat u b'mod partikolari jekk l-imġieba ta' dak li jkun hijiex tali li tikkaġuna fil-persuna/i l-oħra biża, f'għall-inqas żewġ okkażjonijiet, li ser tintuża vjolenza fuqha jew hijiex tali li tikkaġuna fil-persuna/i l-oħra allarm jew dwejjaq li jkollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' dik il-persuna/i, huwa li persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġiba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni jew li ser tikkaġuna dak l-allarm jew dwejjaq.

L-imputat da parte tiegħu jista' jiġġustifika lilu nnifsu u/jew jiddefendi ruħu fil-konfront ta' l-imputazzjonijiet ta' dan ir-reat billi juri li l-imġieba kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt, jew li tali imġiba kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi, jew l-imġieba adottata kienet waħda raġonevoli għall-ħarsien tagħha nnifisha jew ta' ħaddieħors jew għall-ħarsien tal-proprjetà tagħha jew ta' ħaddieħor.

Fir-rigward tar-reat previst fl-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi osservat li l-imsemmi artikolu tal-Liġi joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b' mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-

[26] Prosecution Policy and Legal Guidelines on Stalking and Harassment.

persuna. Fis-sub-inċiz (2) ta' l-artikolu in kwistjoni, il-Liġi tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b' mod dubbjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li l-imġieba kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt, jew li tali imġiba kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola jew li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli.

Hekk kif ġia diversi drabi osservat mill-Qrati nostrali, *it-terminu legali fastidju (bl-Ingliż "harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th edit) bħala 'words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose', dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b'referenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta' l-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] "... f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perijodu ta' żmien". Però xorta waħda jkun irid jirriżulta mill-provi għall-fini tal-parametri ta' l-akkuża nnifisha. Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-artikolu 251Ċ li tgħid li referenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna ('alarming the person or causing the person distress' fit-test Ingliż), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika u dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju aġir li jkun jieħu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet ta' l-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati jew delikati. Kull ta' ta' dan l-aġir però hu kalkolat li joħloq ċerta biża' f'dak li jkun b'mod li joħloq sensazzjoni li qed tiġi segwit jew impoġġi taħt ċerta pressjoni inġusta. Hu proprju dan li din il-liġi ... trid tipprojbixxi*[27].

In kwantu rigwarda r-reat previst fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi osservat li *bħala kunsiderazzjoni legali in konnessjoni ma' din il-kontravvenzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Camilleri deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-30 ta' Settembru 2009: "Skond il-ġurisprudenza Il-Pulizija versus Joseph Frendo 'it-theddid ifisser li aġent ikun qed jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta". "Il-Qorti hi sodisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ... u speċjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-ġesti li akkumpanjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9, theddid ifisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li però ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band' oħra fil-Kodiċi e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volontà ta' l-istess aġent". Fis-sentenza fl-ismijiet Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar ingħad li: "Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteġġjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-atteġġjament jammonta għal minaċċja reali u verbali". Theddida lanqas ma titlef mis-serjetà tagħha jekk tkun kundizzjonata. ... Antolisei jisħaq li: "**è sufficiente che la***

[27] Il-Pulizija v. Kenneth Cassar, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Novembru 2017.

***minaccia sia tale da turbare la tranquillità delle persone a cui è rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti farò vedere di che cosa sono capace*"[28].

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u anke mis-sottomissjonijiet minnha avvanzati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, jirriżulta li t-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma bbażati fuq numru ta' rapporti li saru mal-Pulizija Eżekuttiva. Dawn ir-rapporti huma is-segwenti:

**Rapport datat 12 ta' Ġunju 2020**[29] li sar għall-ħabta ta' 22:41hrs, li minnu jirriżulta s-segwenti: *irrappurtat illum 12.06.2020 l-Għassa ta' San Ġiljan Grech Michelle - ID Card: 0401367M fejn hija stqarret li xtaqet tagħmel rapport fil-konfront tas-sieħeb tagħha Montruccoli Paolo Antonio - ID Card: 0221187A. Grech Michellle - ID Card: 0401367M stqarret li hija kellha relazzjoni għal madwar 8 xhur fejn wara dan il-perijodu hija għażlet li twaqqaf ir-relazzjoni minħabba raġunijiet personali. Ġara li ġimgħa ilu hija marret sabiex titkellem miegħu fejn hija marret fir-residenza fejn jirrisjedi Montruccoli Paolo Antonio - ID Card 0221187A u cioè EVA, 46, Flt3, Triq Spinola, San Ġiljan. Hemmhekk huwa kien agressiv fil-konfront tagħha minħabba l-fatt li hija qaltlu li kienet ser toħroġ ma' xi ħbieb. Għal dan il-kliem huwa ma ħalliex lil Grech Michelle - ID Card: 0401367M toħroġ u saħansitra uża l-forza fil-konfront tagħha bl-istess kwerelanta irnexxiela taħrab billi mbuttat lil Montruccoli Paolo Antonio - ID Card: 0221187A. Grech Michelle - ID Card: 0401367M kompliet tispjega li wara dan l-episodju l-istess Montruccoli Paolo Antonio - ID Card: 0221187A kien b'mod ripetutament iċempel u jibgħat lil Grech Michelle - ID Card: 0401367M diversi drabi matul il-ġurnata bil-kwerelanta tgħid 'ġieli ċempilli mitt darba'. Grech Michelle - ID Card: 0401367M kompliet tispjega li llum għall-ħabta ta' 20:00hrs irrikorra fuq il-post Montruccoli Paolo Antonio - ID Card: 0221187A fejn kisser il-bieb ta' barra u daħal fir-residenza tagħha. Hemmhekk huwa kisser il-mobile ta' Grech Michelle - ID Card: 0401367M għaliex skont hu hija kient qed tibgħat lil ħaddieħor.*

**Rapport datat 20 ta' Lulju 2020**[30] li sar għall-ħabta ta' 19:22hrs, li minnu jirriżulta li *today at around 1900hrs control room informed this end that a female person called this end stating that her ex partner kicked off her front door and she needs police assistance. PC485, PC901 and PC1520 repaired on site were they talked to the victim certain Grech Michelle - ID Card 0401367M. Same stated that today 20/07/2020 at around 18:45hrs while she was at her home, her ex partner Montruccoli Paolo Antonio - ID Card: 0221187A which they had been together for 8 months, came and knocked on the door several times. Michelle stated that she knew it was him and didn't open the door. After several times, Paolo kicked off the door and went inside her house to speak to her. Michelle stated that she went to hide and called the Police for assistance. Michelle stated that he didn't her but she is afraid of him because he is doing this thing on a daily basis. … PC485 and PC901 confirmed that no forced entry was seen on the door as Michelle is stating.*

Dan l-aħħar rapport ġie aġġornat fl-**10 ta' Awwissu 2020**[31] u mill-istess jirriżulta li *Ms. Michelle Grech - ID Card: 0401367M reported today 10/08/2020 at St. Julian's Police station and stated that Mr. Paolo Antonio Montruccoli from the last incident has been going every day behind her door and following her wherever she goes. She added that she was with two of her friends at that time and she suspects that they might be them that informed him that she was at that cafeteria. Complainant stated that when she confronted*

---

[28] Il-Pulizija v. Salvatore La Rocca, Każ Nru. 50/17, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis- 7 ta' Frar 2019. Emphasis by this Court.
[29] Dok. "E" fol. 15 u 16 tal-proċess.
[30] Dok. "F" fol. 17 u 18 tal-proċess.
[31] A tergo ta' fol. 17 u a fol.18 tal-proċess.

*them they denied that they informed him that she was at Restyle cafeteria. Ms. Grech added that when Mr. Paolo went next to her she went on the inside of the cafeteria since she knows the owner of mentioned cafeteria until he left.*

Ir-rapport reġa' ġie aġġornat darbtejn fil-**11 ta' Awwissu 2020**[32]. Il-parti tar-rapport li hija pertinenti għat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat hija dik li sart għall-ħabta tat-8:00p.m. F'tali rigward jirriżulta li *Divisional Police at around 20:00hrs where informed from an anonymous call that there was an argument inside a residence 89, Triq ir-Ratal, Swieqi. Upon this report divisional police namely PC803 and PC1497 reported on site and knocked on the door where Michelle Grech came out and stated that Paolo went inside by kicking the door and wanted to speak with her but she asked him several times to leave. It is to be noted that no damages where seen though. Divisional Police went upstairs and it was noted that Paolo was in a drunken state, he was informed that he is under arrest and was given all his legal rights. Paolo was escorted to GHQ lock-up as instructed by Inspector Colin Sheldon for further investigations.*

Michelle Grech[33] xehdet illi l-imputat *jiġi d-dar tiegħi, jagħti daqqa bis-sieq u jidħol, jiena ngħidlu biex jitlaq u hu jibqa' jinsisti biex jibqa' fid-dar tiegħi. … Ta daqqa ta' sieq il-bieb, il-bieb infetaħ u daħal.* Hija ddikjarat li għamlet tlett rapporti fil-konfront ta' l-imputat bl-aħħar wieħed ikun fis-sens illi *kont qiegħda d-dar u daħal ġewwa u jiena bdejt ngħidlu biex jitlaq imma hu ma riedx u hu baqa' jinsisti li ma jitlaqx. Jiena għidtlu li kont se nċempel l-Għassa u baqa' xorta d-dar, ma riedx jitlaq.* Fir-rigward ta' dak li ġara fil-11 ta' Awwissu 2020, hija xehdet illi *daħal id-dar jiġifieri, għidtlu kemm-il darba biex jitlaq u ma riedx jitlaq, imbagħad pruvajt noħroġ jiena mid-dar tiegħi peress li ma riedx jitlaq hu, tellgħani t-taraġ, ħadni fil-kamra tas-sodda, ġie fuqi, beda jżommni u ma stajtx nieħu nifs. Imbagħad jiena bdejt nippannikja u tlaqt. Imbagħad ġie t-tenant tiegħi ta' flat ieħor biex iħallasni l-kera u staqsieni x'kien ġrali għaliex kont nidher li ma kontx qiegħda tajjeb u Paolo kien għadu hemm. Imbagħad għedtlu jekk setax jinżilli isfel u jċempel l-Għassa, mar ċempel l-Għassa u ġew il-Pulizija. … Imbagħad il-Pulizija telgħu għalih fuq u jiena nżiltx isfel u ħaduh magħhom.* Fir-rigward ta' l-allegazzjoni tagħha li l-imputat diversi drabi kissrilha l-bieb tar-residenza tagħha, Michelle Grech xehdet illi *peress li għamel ħafna drabi hekk, il-lock qisu ġie loose minn mal-ħajt u kisser il-biċċa ta' wara.* Hija ddikjarat li l-ħsara ma sewwithiex u l-bieb baqa' kif kien għaliex hija tagħlaq il-bieb minn ġewwa.

In kontro-eżami[34] għall-mistoqsija *jiġifieri dan jiġi jagħti daqqa ta' sieq lill-bieb u jiftaħ il-bieb bid-daqqa ta' sieq jekk qed nifhem sew?* Michelle Grech wieġeb *iva* u għal domanda ulterjuri *u jkun imsakkar meta tkun ġewwa inti?* wieġbet *meta beda jagħmel hekk ġieli nsakkru u ġieli le.* Għad-domanda *però jkun magħluq naqblu?* wieġbet *iva, il-bieb dejjem magħluq ikun.* Mistoqsija mill-ġdid tispjega skontha l-imputat x'jagħmel lill-bieb, Michelle Grech xehdet *mhux kisser il-bieb imma ta daqqa ta' sieq lill-bieb u l-bieb infetaħ. Is-serratura mal-ħajt illaxkat. Issa jiena meta nkun waħdi d-dar, il-bieb nagħlqu minn ġewwa. Bil-lejl nagħlqu dejjem imma meta jkun hemm it-tifel le għaliex is-soltu meta jiġi u jkun hemm it-tifel ma jidħolx ġewwa. Imma l-aħħar darba avolja kien hemm it-tifel għaliex xorta daħal.* Mistoqsija mill-Qorti *l-aħħar darba liema waħda jekk jogħġbok?* Michelle Grech wieġbet *dak tat-12 ta' Ġunju meta kien hemm it-tifel.* Fuq mistoqsija tal-Qorti *però jekk inti kellek dawn l-episodji ta' l-imputat jiġi jagħti daqqa ta' sieq u s-serratura mhux b'saħħitha biżżejjed biex iżżommu, ma ppruvajtx tbiddilha s-serratura inti?* Michelle Grech wieġbet *ippruvajna nissikkawha u kollox jiġifieri ta' mal-ħajt u bdejt nagħlaq il-bieb minn ġewwa biċ-ċavetta. … Serratura ta' b'erbgħa jiġifieri jidħlu 4 locks ġol-ħajt.* Għad-domanda ulterjuri *issa jekk inti qed tgħidilna li din ġrat ħafna drabi, allura*

[32] Fol. 18 tal-proċess.
[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Awwissu 2020, fol. 39 sa' 46 tal-proċess.
[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta 'l-24 ta 'Awwissu 2020, fol. 39 sa '46 tal-proċess.

*m'għaddilekx minn moħħok li tibdhilha u tagħmel serratura ġdida u mhux tissikkaha biss?* wieġbet *jiena jekk nibdel din is-serratura irrid neħel €250 tagħha meta mhux jiena kont li kissirtha. Jiena għidt lill-Pulizija fuq dan il-każ u kellhom jitkellmu huma.* Għall-mistoqsija *però ma jidhirlekx li jekk inti kont qed tibża' li kull darba jidħol, iktar importanti s-saħħa tiegħek milli li tonfoq €250?* Michelle Grech wieġbet *jiena kont qed nagħlaq biċ-ċavetta minn ġewwa kull darba li nidħol u noħroġ. Jiena għandi tifel ta' 22 sena u avżajtu biex jagħlaq u hekk imma dan xi kultant joħroġ filgħaxija u bil-lejl u ma jagħlaqlix. Meta jkun hemm jiena nagħlaq.*

PS345 Mark Cremona, l-uffiċjal tal-Pulizija li ħa r-rapport ta' Michelle Grech tat-12 ta' Ġunju 2020, ikkonferma li l-imsemmija Michelle Grech għamlet rapport mal-Pulizija fil-konfront ta' l-imputat u kkonferma l-kontenut ta' dak ir-rapport. Ikkonferma li fir-rapport huwa niżżel il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija lilu minn Michelle Grech u wara li spjega li *bħala kronoloġija, wara dan l-inċident li spjegajtilkom* - ossia li allegatament waqt li Michelle Grech u l-imputat kienu fir-residenza ta' l-imputat, inqala' argument bejniethom u l-imputat kien aggressiv fil-konfront tagħha - *... l-istess Paolo kien mar għandha, kien imbotta l-bieb fejn jien indikajt li kien għamel il-ħsara u l-argument kompla hemmhekk. Però hi ndikat speċifikatament li l-aggressjoni saret proprjetà li joqgħod fiha Paolo u mhux fil-proprjetà tagħha,* fuq mistoqsija tal-Qorti *dan dejjem x'qaltlek hi, hux hekk?* PS345 Mark Cremona wieġeb *dejjem x'qaltli hi u qaltli wkoll li ġieli f'ġurnata ċemplilha mitt darba li qiegħda ndikata wkoll fir-rapport li għamilt jiena.* In kontro-eżami, l-imsemmi PS345 Mark Cremona reġa' spjega li *meta ġiet tagħmel rapport, hi spjegatli li wara ammont persistenti ta' telefonati ta' messaġġi u telefonati, hi ħasset li għandha tmur tkellmu u dakinhar hi qaltlu li kienet se toħroġ ma' xi ħbieb u biex inżid fuqha, ftit wara dawn il-ħbieb tagħha, nisa u rġiel biex tifhmuni, irrikorrew l-għassa wkoll. ... Ma kellimthomx jiena imma rajthom barra jitkellmu magħha u hi ndikatli li dawk kienu l-ħbieb li kienet se tiltaqa' magħhom.* Fir-rigward tal-bieb tar-residenza ta' Michelle Grech, li skont ma qalet lill-Pulizija fir-rapport tagħha, kellu xi ħsara fis-serratura kawżata mill-imputat, PS345 Mark Cremona ddikjara li *minn barra, jiġifieri l-case tiegħu* [tas-serratura] *ma kienx jidher imkisser.*

PS1320 Shaun Axiaq[35], li kien l-uffiċjal tal-Pulizija konness mar-rapport li sar fil-konfront ta' l-imputat fl-20 ta' Lulju 2020, ikkonferma r-rapport u l-kontenut ta' l-istess u l-fatt li dakinhar l-imputat instab fir-residenza ta' Michelle Grech u li huwa ta' l-ordni lil PC485 biex jniżżel lill-imputat l-Għassa ta' San Ġiljan. Fir-rigward ta' x'qallu PC485, PS1320 Shaun Axiaq iddikjara li *PC485 kif irritornaw l-Għassa ta' San Ġiljan stqarr miegħi li l-bieb ma kienx intmess ma kienx hemm żgass.*

PC485 Matthew Borg[36] xehed illi *fl-20 ta' Lulju 2020, waqt li aħna konna qed naħdmu ta' filgħaxija, fl-Għassa ta' San Ġiljan, daħlitilna telefonata mill-Control Room għall-ħabta tas-19:00hrs, fejn kien hemm persuna femminili illi qaltilna li kien hemm il-partner tagħha żgassa l-bieb. Jiena flimkien ma' PC901 u PC1520 immedjatament morna fir-residenza u cioè 89, Triq ir-Ratal, Swieqi, fejn sibna lis-sinjur Paolo li kien imbikkem. Jiena bdejt inkellem lil Paolo li kien imbikkem. Jiena bdejt inkellem lil Paolo u bdejt nipprova nifhem x'inhi s-sitwazzjoni u l-kollega tiegħi beda jkellem lis-sinjura u minn hemmhekk hi qaltilna li kien żgassa l-bieb u meta aħna tajna daqqa t'għajn lejn il-bieb u ċċekkjajnih u ma kien jidher li hemm l-ebda żgass. Minn hemmhekk niżżilna lil Paolo l-għassa fejn ġie mitkellem mis-surġent tagħna.* PC485 Matthew Borg iddikjara wkoll li dakinhar meta hu u l-kollegi tiegħu waslu fuq il-post, ossia fir-residenza ta' Michelle Grech, huma sabu lill-imputat barra fuq parapett tar-residenza. Huwa ddikjara li *r-residenza tagħhom titla' b'taraġ jiġifieri*

[35] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ottubru 2020, fol. 96 u 97 tal-proċess.
[36] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ottubru 2020, fol. 98 sa' 101 tal-proċess.

*għandek il-bankina, titla' t-taraġ u għandhom biċċa qisu parapett żgħir. Hemmhekk sibt lil Paolo fejn il-bieb fuq in-naħa ta' barra tal-parapett u ħarġet is-sinjura Michelle fuq il-post ukoll. ... barra kien. Jiena sibtu fuq barra bdejt inkellem lis-sur Paolo u kien jidher li kien imbikkem. Jiena ippruvajt nifhem naqra s-sitwazzjoni tiegħu.* Qallu *li dejjem l-istess sitwazzjoni, iħassru mbagħad jerġgħu flimkien u affarijiet illi kull koppja jkollha.* Fir-rigward tal-bieb tar-residenza ta' Michelle Grech, PC485 Matthew Borg iddikjara li *ma kien jidher li hemm l-ebda żgass.* Għall-mistoqsija tal-Qorti *imma s-sinjura, liema wieħed skontħa ġie żgassat? Ta' barra li jagħti għat-triq jew ta' fuq li jagħti għad-dar tagħha?* PC485 Matthew Borg wieġeb *fuq barra kif digà għedt, inti għandek it-taraġ u ssib il-bieb tagħha. Huma laqgħuna fil-bieb u ndikatilna li kien dan il-bieb li ġie żgassat, issa aħna ma rajna l-ebda żgass. .... hi ndikatilna li dan kien il-bieb, iċċekkjajna jekk kienx hemm żgass u deher li ma kien hemm xejn.* Mistoqsi in kontro-eżami *dan il-bieb in kwistjoni li qegħdin insemmu, inti nnutajt li ma kien hemm l-ebda żgass. Inti staqsejtu lill-imputat hu kif daħal? Il-verżjoni tiegħu smajtha?* PS485 Matthew Borg wieġeb *hu qalilna li fetħitlu l-bieb hi.*

PC901 Christopher Attard[37], uffiċjal tal-Pulizija ieħor involut fir-rapport ta' l-20 ta' Lulju 2020, xehed illi *fl-20 ta' Lulju tas-sena l-oħra, jiena kont xogħol ta' bil-lejl fl-Għassa ta' San Ġiljan fejn konna ġejna nfurmati permezz tal-Control Room tagħna minn telefonata minn tagħhom fejn infurmawna illi ġewwa 89, Triq ir-Ratal, Swieqi, kien hemm mara qed titlob għall-assistenza tal-Pulizija. Kienet infurmatna illi kien hemm raġel li kien qiegħed iħabbat fuq il-bieb tagħha għal diversi drabi. Jiena tlajt fuq il-post u fil-fatt jiena kont ix-xufier u miegħi kien hemm il-kuntistabbli 485 u l-kuntistabbli 1520 u meta wasalna fuq il-post u dħalna fir-residenza, hemmhekk konna sibna lil Michelle li hija l-persuna li kienet qiegħda tagħmel ir-rapport fejn din min-naħa tagħha kienet infurmatna illi ftit tal-ħin qabel, l-ex-partner tagħha, Paolo, kien mar iħabbat fuq il-bieb tar-residenza tagħha, kienet xi ħaġa li drat għax kienet qiegħda ssir ta' spiss u infurmatna illi ma riditx tiftaħ. Qaltilna wkoll illi wara li beda jsir dan it-taħbit fuq il-bieb, semgħet il-bieb jiġi żgassat u fil-fatt, dan Paolo irnexxielu jidħol ġewwa. Kienet infurmatna illi hu ma weġġagħhiex u ma refax idejh fuqha għaliex xtaq jidħol ġewwa biss sabiex ikellimha. Aħna min-naħa tagħna nixtieq ngħid illi jiena ma kont osservajt l-ebda żgass però fuq il-bieb ta' barra. Minn hemmhekk niftakar illi konna ħadna lil Paolo l-Għassa ta' San Ġiljan fejn konna għaddejnieh hand over lis-Surġent 1320 u nista' ngħid illi l-involviment tiegħi f'dan il-każ jieqaf hemmhekk.* In kontro-eżami PC901 Christopher Attard ikkonferma li Michelle Grech *kienet infurmatna f'ħin minnhom illi wara li saru dawn id-diversi taħbit mal-bieb, irnexxielu jidħol ġewwa billi żgassa l-bieb ta' barra. ... jiena personalment rajtu l-bieb però jiena ma osservajt l-ebda żgass fuq il-bieb.* Dwar il-komportament ta' l-intimat, PC901 Christopher Attard iddikjara li *kien wieħed kalm. Fil-fatt niftakar illi sibnieh jibki lilu aħna hemm ġew. Però nerġa' ngħidlek, jiena fl-ebda ħin ma kellimtu lilu.* Dwar l-atteġġjament ta' Michelle Grech, ix-xhud iddikjara li *f'sitwazzjonijiet bħal dawn, is-Sinjura kienet tidher li kienet aġitata. ... apparti li kienet imbeżżgħa għax din infurmatna li dawn kienu f'relazzjoni li kienet ilha għaddejja għal 8 xhur, għal xi raġuni din ir-relazzjoni ma baqgħetx kif wieħed jixtieq. ... illum mill-esperjenza li għandi naħseb li għandi esperjenza biżżejjed biex ninduna jekk bniedem huwiex wieħed aġitat jew le. ... kienet infurmatna illi wara li kien ħabbat diversi drabi, fil-fatt hi marret tistaħba, però meta dħalt jiena, hi kienet fil-kamra ta' barra. Hemmhekk sibtha jiena. ... Ma niftakarx jekk is-sinjur kienx preżenti ħdejha dak il-ħin u fil-mument li dħalt ġewwa jiena.*

PS803 Andrew Pullicino[38], uffiċjal tal-Pulizija involut fir-rapport li sar fil-11 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 20:00hrs, xehed illi *nhar il-11 ta' Awwissu tas-sena 2020, għall-ħabta tat-8:00p.m., konna rċevejna telefonata anonima fl-Għassa ta' San Ġiljan li kien hemm*

[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2021, fol. 131 sa' 134 tal-proċess.
[38] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020, fol. 113 sa' 116 tal-proċess.

*argument ġewwa 89, Triq ir-Ratal, is-Swieqi. Aħna aċċedejna fuq il-post x'ħin ħabbatna fuq il-bieb niżlet is-Sinjura Michelle Grech fejn qaltilna li Paolo Antonio Montruccoli kien tela' fuq, kien qiegħed fis-sakra u hi ma riditx li jkun fir-residenza tagħha. Hi qalet ukoll li kien ta daqqa fuq il-bieb però jiena ma stajtx nikkonferma li kien hemm daqqa fuq il-bieb. … tlajt fuq u sibt lil Paolo Antonio Montruccoli li kien qiegħed fi stat ta' sakra. Sfortunatament, jiena ma tantx nitkellem bit-Taljan imma kien hemm kollega tiegħi li spjegalu x'kien qiegħed jagħmel hemmhekk, tah id-drittijiet tiegħu u nfurmah li kien arrestat. Min-naħa tagħna mbagħad infurmajna lill-Ispettur Colin Sheldon fuq dak li ġara fejn qalilna biex inżommuh arrestat u jittieħed il-lockup tal-Pulizija. … Magħna beda jitkellem b'mod normali fis-sens fehmnieh l-affarijiet li ma jistax ikun qiegħed hemmhekk, li s-Sinjura Michelle Grech ma xtaqitx li jkun qiegħed hemmhekk u infatti niżel magħna l-Għassa. Kien qed jikkopera ħafna magħna jiġifieri.* PS803 Andrew Pullicino żied jgħid li mal-wasla tal-Pulizija fuq il-post, huma sabu lill-imputat fil-kċina tar-residenza ta' Michelle Grech u li *qisu kien qed jistenna lilna għaliex x'ħin taljna fuq ġie mill-ewwel ħdejna.* Fir-rigward ta' l-istat ta' l-imputat dak il-ħin, in kontro-eżami PS803 Andrew Pullicino ddikjara li *xammejnih li kellu riħa ta' xorb fuqu. … riħa ta' alkolhol però kull darba li beda jkellimna bdejna nxommuha. … Kif beda jimxi jiġifieri tinduna li persuna tkun fis-sakra però mhux qed ngħid li kien fis-sakra ma' l-art, li ma kienx jaf x'inhu jiġri, imma tinduna li kellu x-xorb ġo fih.*

WPC 376 Yana Buttigieg[39], uffiċjal tal-Pulizija ieħor involut fir-rapporti fil-konfront ta' l-imputat xehdet illi *nhar l-10 ta' Awwissu tas-sena 2020, għall-ħabta tas-14:25hrs waqt li kont stazzjonata xogħol ġol-Għaassa ta' San Ġiljan, irrapportat ġo l-istess Għassa s-Sinjura Michelle Grech. Is-Sinjura Grech spjegatilna li l-ex-partner tagħna, ċertu Paolo Antonio Montruccoli kien baqa' jsegwiha mill-aħħar accident li kienet irrapportat nhar l-20 ta' Lulju. Hija stqarret illi dakinhar, fl-10 ta' Awwissu stess tas-sena 2020, għall-ħabta ta' 13:15hrs, waqt li kienet ġewwa l-kafetterija bl-isem ta' Restyle li tinsab ġewwa Triq il-Qasam, is-Swieqi, is-Sur Paolo mar ħdejha ġewwa l-istess kafetterija. Hi x'ħin ratu riesaq lejha daħlet ġol-kafetterija għax kienet tafhom u stennietu sakemm jitlaq għaliex bdiet tibża' minnu. Jiena min-naħa tiegħi nfurmajt lill-ispettur ta' l-Għassa ta' dakinhar.*

PS790 Nathan Zerafa[40], involut fir-rapport li għamlet Michelle Grech fil-11 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 12:00p.m., xehed illi *dan kien rapport ta' domestic violence fejn jiena kelli involviment fih rigward li s-Sinjura Grech kienet ġiet tirrapporta l-Għassa ta' San Ġiljan fil-11 ta' Awwissu tas-sena 2020 għall-ħabta ta' nofsinhar fejn kienet ilmentat li kienet sabiex il-mera tal-karozza tagħha mkissra li kienet ipparjata s-Swieqi u mal-karozza kellha nota kien hemm miktub illi bit-Taljan u kienet spjegatilna li f'din in-nota kien hemm miktub illi l-ex tagħha ma Kienx jista' jinsiha bħal speċi, kien jiddispjaċih ta' li ġara u dawn l-affarijiet, hi susspettat li hu kien kissrilha l-mera, jiena kont niftakar hawnhekk skond l-update li għamilt tkellimt ma' ċertu Raphel Soler li kien joqgħod viċin ta' fejn kienet ipparkjata l-vettura fejn kont ħallejtlu CCTV request. Mill-footage ma kienx jirriżulta li kien hemm filmat għax mid-dehra ma kinitx taħdem din il-camera. Xejn iżjed ma kelli fl-investigazzjoni u nfurmajt lill-Ispettur tiegħi dak iż-żmien.*

PC1497 Julian Calleja[41], illi kien uffiċjal ieħor tal-Pulizija li rrikorra fir-residenza ta' Michelle Grech dakinhar tal-11 ta' Awwissu 2020, xehed illi *nhar il-11 ta' Awwissu kont stazzjonat l-Għassa ta' San Ġiljan fejn irċevejna telefonata anonima fl-Għassa fejn kien intqal lilna li kien hemm argument u li kienet daħlet persuna ġo dar li mhux suppost kien ġewwa d-dar fi Triq ir-Ratal, is-Swieqi. Jiena u s-Surġent tiegħi, PS803, morna fuq il-post fejn kif ħabbattna fuq dan l-indirizz ħarġet is-sinjura* - Michelle Grech - *Jiena u s-surġent tlajna*

---

39 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020, fol. 122 sa' 124 tal-proċess.
40 xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2021, fol. 128 sa' 130 tal-proċess.
41 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2020, fol. 117 sa' 121 tal-proċess.

*fuq fejn sibna lis-sinjur li kien jidher li kien qiegħed fi stat xurban u kienet tinxtamm ukoll ir-riħa ta' l-alkohol ġejja minn fuqu. Hemmhekk infurmajnih li kien qiegħed arrestat, tajnieh id-drittijiet tiegħu u ħadnieh minn fuq il-post. … x'ħin kellimnieh għednilu biex jiġi magħna fejn hu beda jurta ruħu u beda jgħidulna diversi affarijiet li ma niftakarx eżatt x'intqal u x'ma ntqalx, li ried jibqa' u ma riedx jitlaq, aħna ppruvajna neħduh bil-kelma t-tajba u hu baqa' jisforza imma ma ġejna fl-ebda inkontru fiżikali jiġifieri fl-aħħar mill-aħħar kien ġie magħna però kien jidher li l-istat tiegħu ma kienx qed jirraġuna bħal li kieku ma kienx xurban. Kien jidher li ma kienx qiegħed sew.* Fir-rigward tal-bieb tar-residenza, PC1497 Julian Calleja xehed illi *jiena u s-surġent iċċekkjajnieh il-bieb, jiena min-naħa tiegħi ma jidhirlix li rajt danni li l-bieb ġie mifqugħ però ovvjament ma kontx fuq il-post x'hin qalet li faqa' il-bieb, jiġifieri ma nistax ngħidlek jekk hux vera faqa' l-bieb jew le però min-naħa tiegħi, jiena, danni fil-bieb innifsu ma rajtx u hemm miktub fir-rapport ukoll li ma konniex rajna danni.* Dwar l-istat ta' l-imputat PC1497 Julian Calleja xehed illi *ma kellniex għalfejn inżommuh. Jiġifieri jekk qed tistaqsini l-istat ta' xurban f'liema livell kien, ma kienx fi stat ta' xurban li ma jiflaħx joqgħod bil-wieqfa jew ma jimxix. Kien li ma jirraġunax sew. … Hu bl-Ingliż jitkellem jiġigieri anke bl-Ingliż beda jkellimna u beda jgħidilna s-soltu affarijiet li konna smajna qabel, li ma riedx jitlaq, li ried jibqa' fuq il-post, li ried jibqa' mas-sinjura li ma riedx jiġi magħna.*

In kontro-eżami PC1497 Julian Calleja xehed illi *meta għidtlek li rreżistiena u spjegajt ukoll, ma ġejna fl-ebda fiżika. Aħna għednielu tiġi magħna, l-ewwel ovvjament ried jispjega ruħu, beda jgħidilna rrid nibqa u rrid nibqa', aħna spjegajnilu isma' kienu digà kellmuk fuq rapporti oħra kienu kellmuk l-ispetturi, surġenti u pulizija oħra, imbagħad fl-aħħar mill-aħħar ikkopera u ġie magħna. … Hu għall-ewwel, ovvjament kien daqsxejn fi stat xurban, jiġifieri ma wasalniex mill-ewwel għall-punt li jiġi magħna. … Kien fi stat xurban u ma kienx li jaqbad u jgħidilna iva jew le. Imma la ġie għalina u lanqas ma ġie biex isawwatna. … resaq lejna biex nitilqu 'l hemm jiġifieri r-riħa ta' l-alkohol minn ħalq persuna tinxtamm. … il-mod kif iġib ruħu persuna normali li kien a right state of mind u persuna li tkun xurbana tinduna d-differenza. … Kif spjegajt l-ewwel, biex ikkopera magħna, kien hemm battibekk żgħir verbali.*

Il-Qorti, wara li qiest il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi li jirregolaw ir-reati li bihom qed jiġi akkużat l-imputat in forza tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' impurtazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, tqis li ma tistax issibu ħati ta' uħud minn dawn l-imputazzjonijiet.

Jibda biex jiġi osservat li fid-dawl tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia li f'diversi dati u okkażżjonijiet *għamel lil Michelle Grech inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni,* stante li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat effettivament inġurja jew hedded lil Michell Grech. Konsegwentement, fin-nuqqas ta' provi dwar il-ħtija ta' l-imputat fir-rigward tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-istess imputat għandu jiġi lliberat mir-raba' imputazzjoni dedotta kontrih.

Bl-istess mod il-Qorti diffiċilment tista' tasal għall-konklużjoni li bil-provi minnha prodotti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tar-reat addebitat lilu bit-tieni imputazzjoni dedotta kontrih, ossia li f'diversi dati u okkażżjonijiet *l-imġieba tiegħu ammontat għal segwiment ta' Michelle Grech, li hija l-ex sieħba tiegħu, bil-moħbi u/jew ikkaġunalha biża' f'għall-inqas żewġ okkażżjonijiet li ser tintuża vjolenza fuqha u/jew ikkaġuna fuqha allarm jew dwejjaq li kellu effett avvers sostanzjali fuq l-atticitajiet normali ta' kuljum ta' Michelle Grech.*

Kif già iktar 'l fuq osservat ai termini tal-Liġi l-imġieba ta' persuna tammonta għal segwiment bil-moħbi ta' persuna jekk: (a) tammonta għal fastidju ta' dik il-persuna, (b) tikkostitwixxi xi wieħed mir-reat msemmija fis-subartikolu (3), (ċ) dik il-persuna li twettaq dik l-imġieba, taf jew imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra, u (d) tikkostitwixxi kondotta ripetuta li ġġiegħel lill-persuna l-oħra tibża' għas-sigurtà tagħha. L-atti li ai termini tal-Liġi huma meqjusa bħala atti ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi huma: (a) li wieħed jimxi wara persuna, (b) li wieħed jagħmel kuntatt jew jittanta jagħmel kuntatt, ma' persuna bi kwalunkwe mezz, (ċ) il-pubblikazzjoni, bi kwalunkwe mezz, ta' xi dikjarazzjoni jew materjal ieħor - (i) li jirrigwarda jew li jagħti lil wieħed x'jifhem li jirrigward persuna, jew (ii) li jagħti lil wieħed x'jifhem li joriġina minn persuna; (d) il-monitoraġġ ta' l-użu ta' persuna ta' l-internet, tal-posta elettronika jew ta' kull forma oħra ta' komunikazzjoni elettronika; (e) li wieħed jitlajja fi kwalunkwe post, kemm pubbliku jew privat; (f) indħil f'xi proprjetà li tkun fil-pussess ta' persuna, (g) li wieħed joqgħod għassa jew jispija fuq persuna. Sabiex imbagħad jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikolu 251BA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jrid jirriżulta li dik l-imġieba partikolari tikkaġuna, f'għall-inqas żewġ okkażżjonijiet li ser tintuża vjolenza jew li kkaguna allarm jew dwejjaq li kellu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet noramli ta' kuljum ta' l-allegata f'vittma f'dan il-każ Michelle Grech.

Għalkemm mix-xhieda ta' Michelle Grech u mir-rapporti magħmula minnha jew fuq instigazzjoni tagħha fil-konfront ta' l-imputat joħroġ li l-istess imputat kien iċemplilha kontinwament, prova ta' dan ma saret bl-ebda mod mill-Prosekuzzjoni. Għalkemm mix-xhieda ta' l-istess Michelle Grech u mir-rapporti magħmula minnha jew fuq instigazzjoni tagħha fil-konfront ta' l-imputat joħroġ li l-imputat kien jikseb aċċess għar-residenza tagħha billi kull darba jifqa' l-bieb, l-uffiċjali tal-Pulizija kollha - ħadd minnhom eskluż - li rrikorrew fil-fond residenzjali ta' l-istess Michelle Grech xehdu u ddikjaraw li fl-ebda okkażżjoni ma raw jew irraviżaw ħsara jew sinjali ta' żgass fuq il-bieb. Għalkemm Michelle Grech tikkontendi li kien hemm okkażżjoni fejn l-imputat segwiha f'kafetterija fejn hija kienet qiegħda mal-ħbieb tagħha, l-istess imputat - hekk kif jirriżulta mill-istqarrija minnu rilaxxata lill-Pulizija - filwaqt li ma jiċħadx li waqaf fil-kafetterija fejn kien hemm Michelle Grech proprja għaliex ra lill-istess Michelle Grech, iddikjara li ma marx hemm għal ta' l-apposta imma nzerta kien għaddej u raħa hemmhekk u ddeċieda li jieqaf biex ikellimha. Filwaqt li l-Qorti ma tqisx li kienet deċiżjoni għaqlija ta' l-imputat li jieqaf ikellem lil Michelle Grech meta din urietu biċ-ċar li ma reditx taf iktar bih - u dana anke billi ripetutament għamlet rapporti kontrih mal-Pullizija - ċertament ma jistax jitqies li dik id-deċiżjoni ta' l-imputat tikkostitwixxi segwiment bil-moħbi ta' persuna.

Għalkemm Michelle Grech tallega li l-imputat kien diversi drabi vjolenti u aggressiv fil-konfront tagħha, dan ma ġiex debitament pruvat mill-Prosekuzzjoni. Anzi, il-Pulizija li f'diversi okkażżjonijiet irrikorrew fir-residenza ta' Michelle Grech ilkoll iddikjaraw li sabu lill-imputat jew fi stat kalm, jew fi stat imbikkem jew, għad illi fis-sakra, f'tali stat li xorta waħda qagħad għall-ordnijiet tagħhom. Għalkemm l-imputat qed jiġi akkużat li bl-imġieba tiegħu qed ukoll jikkaġuna f'Michelle Grech allarm jew dwejjaq li għandu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum tagħha, fil-fehma tal-Qorti lanqas dan ma ġie pruvat 'l hinn minn kull dubju raġjonevoli.

Kif già iktar 'l fuq osservat, ċirkostanzi li huma indikattivi, għad illi mhux eżawrjenti, ta' allarm jew dwejjaq li għandu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet noramli tal-vittma huma li *(a) the victim changing their routes to work, work patterns, or employment; (b) the victim arranging for friends or family to pick up children from school (to avoid contact with the stalker); (c) the victim putting in place additional security measures in their home; (d) the victim moving home; (e) physical or mental ill-health; (f) the deterioration in the*

*victim's performance at work due to stress; (g) the victim stopping/or changing the way they socialise.*

F'dan il-każ ma rriżulta xejn li juri li Michelle Grech, minħabba l-imġieba ta' l-imputat, sofriet allarm jew dwejjaq li għandu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet moranli tagħha. Anzi, minkejja l-allegazzjoni da parte tagħha li minħabba d-diversi daqqiet li l-bieb tar-residenza tagħha qala' mingħand l-imputat, dan l-istess bieb kellu l-ħsara u s-serratura ma kenitx tagħlaq sew, l-istess Michelle Grech bla eżitazzjoni ta' xejn iddikjarat li ma ħassitx il-bżonn li tbiddel is-serratura tal-bieb biex dan ikun iktar sigur iżda tillimita ruħha li meta tkun hemm tagħalaq il-bieb biċ-ċavetta. Din l-allegata prassi però binha, ġuvni ta' tnejn u għoxrin sena, donnu ma jħossx il-bżonn li jadotta meta joħroġ filgħaxija u ommu tibqa' waħdeha id-dar. Fattur li l-Qorti ma tistax ma tgħaddix kumment dwaru joħroġ mill-affermazzjoni ta' Michelle Grech li meta tkun id-dar, u b'mod partikolari meta tkun id-dar waħdeha, hija ssakkar il-bieb biċ-ċavetta biex b'hekk l-imputat ma jkunx jista' jagħti fuq il-bieb u jidħol. Jekk imsakkar biċ-ċavetta l-bieb ma jistax jinfetaħ, għandu jsegwi li dawk id-drabi li l-imputat aċċeda għal ġol-fond, allegatament billi faqa' l-bieb u daħal (allegazzjoni din li in verità ma ġietx ippruvata) l-istess bieb ma kienx imsakkar biċ-ċavetta għalkemm Michelle Grech kienet qiegħda hemm ġew waħehda.

Dan kollu għalhekk iwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li l-imputat ma jistax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll li ta fastidju lil Michelle Grech b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għaliha - it-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Hawn il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova 'l hinn minn kull dubju raġjonevoli li bl-imġieba tiegħu l-imputat fil-fatt kien qed jagħti fastidju lil Michelle Grech, u dana ta' l-inqas f'żewġ okkażżjonijiet. Dawn l-okkażżjonijiet li tagħmel referenza għalihom il-Qorti huma meta fl-10 ta' Awwissu 2020 l-imputat ra lil Michelle Grech fil-kafetterija Restyle u, minkejja li kien jaf li ma reditx taf bih u anke kien ben konxju mir-rapporti li kienet qed tagħmel fil-konfront tiegħu mal-Pulizija, xorta waqaf biex jipprova jkellimha, **u** meta l-għada, ossia fil-11 ta' Awwissu 2020 ħalla nota lill-istess Michelle Grech imwaħħla mal-windscreen tal-vettura tagħha, meta din il-ġurnata ta' qabel urietu biċ-ċar li ma reditx tkellmu u taf bih. L-imputat kjarament kien qed idejjaq lil Michelle Grech, fatt dan li hi għamlitulu ferm ċar, iżda xorta baqa' jippersisti fl-atteġġjament u imġieba tad-dwejjaq tiegħu fil-konfront tagħha.

B'hekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li ma ssibx lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minnhom, wara li l-rat u kkunsidrat l-Artikoli 251A, 222(1) u 202(h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' disa' (9) xhur priġunerija, iżda żda peress illi f'dan il-kaz jissussistu cirkostanzi, partikolarment il-fatt li l-fedina penali ta' l-imputat hija netta, in bażi għal liema hemm lok li t-terminu ta' disa' (9) xhur priġunerija hawn impost fuq l-imputat jiġi sospiż, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' malta tissosspendi l-imsemmi terminu ta' disa' (9) xhur prigunerija ghall-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum.

A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta jekk

huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta 'din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta 'prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 251D(3) u ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Michelle Grech u dana għall-perijodu u taħt t-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni maħruġ illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ(11) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk mingħajr skuża raġonevoli jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu bl-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa llum, huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Fid-dawl ta' l-Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat maħruġ illum stess, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'dan il-każ tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmi artikolu tal-Liġi, senjatament fis-subinċiż (2), jipprovdi li t-trattament li jiġi impost b' Ordni ta' Trattament *jista' jkun ta' kull xorta minn dawk speċifikati fl-Artikolu 7(5) ta' l-Att dwar il-Probation*. Mill-imsemmi Artikolu 7(5) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li l-Qorti tista' taġixxi meta fil-fehma tagħha *l-kondizzjoni mentali tal-ħati tkun tali li teħtieġ u li tista' tkun suxxettibbli għall-kura, imma ma tkunx tali li tiġġustifika li jittieħdu xi miżuri jew proċeduri, jew meta l-qorti tkun sodisfatta li - (a) il-ħati jkun mogħti għad-droga; u (b) li jkunu saru jew jistgħu jsiru l-arranġamenti adatti għall-kura.*

Fil-każ in eżami ma tressqet l-ebda prova li l-imputat għandu problemi mentali u lanqas tressqet prova li għandu problema ta' droga. Huwa veru li Michelle Grech iddikjarat fir-Risk Assessments li sarulha li l-imputat jabbuża mid-droga, iżda ċertament tali dikjarazzjoni ma tistax titqies bħala prova suffiċjenti għall-finijiet li persuna titqiegħed taħt Ordni ta' Trattament.

Fin-nuqqas ta' provi adegwati għalhekk li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex toħroġ Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' l-imputat ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**